NEWSPAPER POST

Il-Belt Victoria

Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex

Novembru - Diċembru 2006

Nru 153

# DUN TONIO KAPILLAN TAL-MUNXAR





## Dun Tonio Kappillan!

**Antione Vassallo** - *vasanti@waldonet.net.mt*

Din l-aħbar ġriet bħal berqa nhar id-9 t'Ottubru, mgħejjuna mil-leħen ħlejju u maestuż tal-kampnar tal-Bażilika - u bis-sehem ta' *Leħen il-Belt Victoria*, ir-radju komunitarju li ta' spiss xandar fuqu Tonio. Ħadna gost bil-ħatra ta' Dun Tonio Galea bħala r-raba' kappillan tal-parroċċa tal-Munxar. Lil Dun Tonio nafu bħala seminarist ħabrieki u inventiv f'varjetà ta' attivitajiet, parrokkjali u djoċesani.

Twieled hawn ir-Rabat fid-9 t'Awissu 1973 (bin Alfons u Gloria) u rċieva l-edukazzjoni primarja tiegħu fl-iskola tas-sorijiet Karmelitani ta' Kerċem (Santa Tereża) u dik sekondarja fis-Seminarju Minuri. Wara li kompla fl-Istitut Tekniku t'Għawdex (Mikelanġ Refalo), ħadem fil-Korporazzjoni ta' l-Ilma. Ma rridx inħalli barra l-fatt

*Ikompli f'paġna 4...*

F'din il-Ħarġa

Awguri tal-Milied min parruċċani msefrin — Paġna 5



Uffiċċju Editorjali: **Ċentru Parrokkjali San Ġorġ**
**Triq il-Karità, Victoria, Għawdex.**
Tel: 21 55 63 77 • Fax: 21 55 69 81
email: info@stgeorge.org.mt
web: www.stgeorge.org.mt • radio: 104MHz FM

### Membri Ġodda fil-Komunità Parrokkjali

| | |
|---|---|
| 08-10-2006 | **Daphne**, bint Marco Delicata u Nadine Camilleri |
| 15-10-2006 | **Ariane**, bint Thomas Xerri u Deborah Agius |
| 19-11-2006 | **Alysa**, bint John Louis Cassar u Sarah Casha |
| 25-11-2006 | **Karl**, iben Charlie Attard u Marlene Attard |
| 02-12-2006 | **Philippa Ann**, bint George u Angela Cassar |
| 09-12-2006 | **Robert**, iben Jason Farrugia u Heidi Xuereb |
| 10-12-2006 | **Dana**, bint Dione Lautier u Liliana Sacco |

### Marru Jingħaqdu ma' Kristu Rxoxt

| | |
|---|---|
| 07-10-2006 | **Maria Spiteri** |
| 11-10-2006 | **Mariġwann Borg** |
| 29-10-2006 | **Lucy Buttigieg** |
| 08-11-2006 | **Ġużeppa Farrugia** |
| 18-11-2006 | **Ġużeppi Spiteri** |
| 21-11-2006 | **Emanuel Cassar** |
| 05-12-2006 | **Karmena Attard** |

IL-WEBSAJT PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ

**www.stgeorge.org.mt**

## Il-Milied it-Tajjeb u Sena Ġdida mimlija risq u hena

Nirringrazzjaw lis-Sur Joe Zammit li pprovdielna r-ritratti tal-ħatra ta' Dun Tonio, bħala Kappillan tal-Munxar.

F'dan iż-żmien tal-Milied jinsab miftuħ presepju *life size* fil-bini ta' l-istazzjon *Leħen il-Belt Victoria*. Dħul b'xejn.

# Editorjal

## Nifirħulek Dun Tonio!

Huwa ta' pjaċir kbir li qassis mill-parroċċa tagħna ġie afdat bit-tmexxija ta' parroċċa Għawdxija, eżattament il-parroċċa tal-Munxar. Dun Tonio huwa qassis attiv ferm fil-parroċċa ta' San Ġorġ, l-aktar fil-qasam taż-żgħażagħ. M'hux l-ewwel darba li Dun Tonio ħa ħsieb il-gruppi tal-vokazzjonijiet, ta' l-abbatini u tat-*23four*. Dawn il-fatturi żgur li għenu lill- E.T. Mons. Isqof Mario Grech biex jagħti t-tmexxija ta'din il-parroċċa f'idejn dan il-qassis żagħżugħ. Iva, qassis li għalkemm żagħżugħ, għandu dawk il-kapaċitajiet li jagħmluh mexxej tajjeb fi ħdan il-Knisja. Huwa sinjal inkoraġġanti li Mons. Isqof qiegħed jafda t-tmexxija tal-parroċċi f'idejn qassisin żgħażagħ, l-aktar wara r-riżultati taċ-ċensiment fejn wera li l-konkorrenza għall-quddies tal-Ħadd qegħda tonqos. Il-bord editorjali kollu jixtieq jifraħ lil Dun Tonio bil-ħatra tiegħu ta' kappillan ġdid tal-parroċċa tal-Munxar u nawgurawlu kull suċċess.

Bħal-lum sena, eżattament fis-26 ta' Novembru 2005 tħabbret in-nomina ta' l-isqof il-ġdid ta' Għawdex, dik ta' Dun Mario Grech. Żgur li kulħadd għadu jiftakar id-daqq ferrieħi tal-qniepen tad-djoċesi li f'armonija waħda lkoll ferħu lil Mons. Mario Grech. Kienet sena fejn bil-kariżma tiegħu, Mons. Grech bena rapport sabiħ ma' l-Għawdxin kollha. F'din is-sena diġà rajna diversi tibdiliet bħan-nomini ġodda ta' kappillani, direttivi ġodda f'dak li għandu x'jaqsam ma' festi u oħrajn. Dawn jindikaw ir-rieda tajba ta' Mons. Isqof f'dak li għandu x'jaqsam tmexxija tad-Djoċesi.

Fl-aħħar imma mhux l-inqas nixtieq nispiċċa billi nawgura lilkom il-qarrejja ta' din il-gazzetta l-Milied it-Tajjeb u sena ġdida mimlija risq u hena. Ma nħallux il-konsumiżmu itellef il-ferħ bejn il-familji, ħbieb, qraba u tfal. IL-FESTI T-TAJBA

**Andrew Formosa**
ilbeltvictoria@yahoo.com
*Editur*

# *Messaġġ mill-Arċipriet*

**Mons. Ġużeppi Farrugia**
info@stgeorge.org.mt



Nittama li kellkom Milied hieni! Intom li tinsabu mnikktin nittama li ħassejtu l-faraġ ta' Ġesù Bambin! Intom li qalbkom qed tixxennaq għas-sens veru tal-ħajja nittama li dan is-sens tagħrfuh u ssibuh fil-Mulej. Jalla s-sena li qed nagħtu bidu għaliha tkun waħda li fiha nimxu t-triq tiegħu, akkumpanjati minnu u mħeġġin minn imħabbtu.

Is-sena 2006 konna drajniha! Għaddiet! Għax kulma hu ta' din id-dinja jgħaddi. Is-sena 2007 ukoll trid tgħaddi, imma sakemm tgħaddi qed tiġi offerta lilna mill-Mulej bħala spazju ta' grazzja. Ejjew nagħmlu użu tajjeb minnha ħalli, għad li hi tgħaddi, il-frott li niksbu mill-ħidma tagħna matulha jibqa' għal dejjem.

## Ħidma fina nfusna

L-ewwel ħidma trid issir fina nfusna bl-għan li nagħmlu minna nfusna ambjent li fih l-Ispirtu ta' Ġesù jkun jista' jaħdem. Fuq dan għamilt xi riflessjonijiet fil-quddiesa ta' filgħodu tan-Novena tal-Milied. Fuq medda ta' disat ijiem ipprovajt niskopri fl-Evanġelu "regola ta' ħajja Kristjana" u nsemmi l-prinċipji li, jekk inħalluhom imexxuna, kapaċi jiggwidawna nivvalorizzaw iż-żmien li qed ngħaddu fid-dinja.

Dawn il-prinċipji huma: li nħaddmu l-intelliġenza tagħna bħala wlied Alla, ngħixu fl-ubbidjenza tal-Kelma tiegħu, infittxu kontinwament il-konverżjoni, inkunu bnedmin tat-talb, inħallu l-Ispirtu ta' Kristu jkun il-protagonist f'għemilna, nilbsu l-qdusija, inkunu "nar" ta' Kristu fis-soċjetà u preżenza ta' mħabba effettiva li ssostni s-saltna l-ġdida.

Fil-mument li fih aħna nfittxu li nkunu dan kollu, aħna nkunu qed naffermaw l-impenn Kristjan tagħna fil-familji tagħna kif ukoll fil-komunità parrokkjali u fil-Knisja lokali.

## Ħidma fil-familja tagħna

It-tieni ħidma li rridu nwettqu hija fil-familja – responsabbiltà kbira, din, fuq il-koppji fil-konfront ta' xulxin u fuq il-ġenituri li huma responsabbli għal uliedhom.

Koppji u ġenituri, nitkellem magħkom direttament: m'għandkomx tinsew li bħala miżżewġin "fil-Knisja" intom għandkom is-sejħa li sservu 'l-Knisja u dan tridu tifhmuh skond il-veru sens tal-kelma *isservi*.

Iva, il-familji "Kristjani" huma profondament impenjati li jservu lil Kristu fil-Knisja tiegħu billi jilqgħu l-ulied kollha li Alla jibgħatilhom, billi jrawmuhom fil-fidi Kattolika b'tagħlim u b'eżempji tajbin, u billi jagħmlu mid-dar "knisja domestika".

Inkellimkon personalment: il-laqgħat li għalihom issejħilkom il-parroċċa biex tiltaqgħu mal-Kelma ta' Alla tittraskurawhomx u kunu intom li tfittxuhom u li timbuttaw il-parroċċa biex torganizzahom. Tħallux is-sena l-ġdida tgħaddi bla ma tkunu ngħaqadtu ma' komunità li titlob.

## Ħidma fil-komunità parrokkjali

It-tielet ħidma li aħna lkoll, saċerdoti u sekulari, ninsabu msejħin għaliha hija dik ta' animazzjoni tal-parroċċa: impenn fiċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru fil-knisja, ħidma fiċ-ċentru parrokkjali, fl-istazzjon tar-radju tal-komunità u fil-fondazzjonijiet ta' kultura Kristjana, xogħol li joħroġ mill-kummissjonijiet, kunsilli u kumitati tal-parroċċa.

Mill-ġdid, toqogħdux tistennew lil min isejħilkom imma kunu intom li toffru rwieħkom. Tistennewx kollox mill-arċipriet u tgħabbuhx b'"agħmel hekk" u "agħmel hekk". Il-parroċċa tagħna hija "parroċċa miftuħa" proprju għax ma tikkonsistix biss fl-arċipriet u l-qassisin imma f'dawk kollha li huma intelliġenti, jiġuhom l-ideat u f'għaqda ma' l-arċipriet (u permezz tiegħu mal-kunsill parrokkjali) jieħdu l-inizjattiva biex iwettquhom.

Issa li qegħdin fil-bidu tas-sena l-ġdida, ejjew ma nitilfux żmien ħalli xejn ma nitilfu minnha. Iż-żmien prezzjuż. Il-kalendarju parrokkjali li qed jasal fi djarkom għadu fl-ewwel paġna tiegħu. Imma tasal l-aħħar paġna li ġġagħlna nagħmlu eżami tal-kuxjenza fuq kif inkunu utilizzajna kull ġurnata tiegħu.

It-tama tiegħi hi li l-aħħar tas-sena 2007 ma jġibx miegħu d-dispjaċir li nkunu ħlejna sena oħra fil-mixja tagħna fi Kristu u fil-Knisja tiegħu.

...ikompli mill-ewwel paġna.

importanti li kien soċju ħabrieki fil-MUSEUM.

Fl-1996 beda l-formazzjoni fis-Seminarju Maġġuri. Ġie ordnat saċerdot fil-Bażilika ta' San Ġorġ mill-Kardinal Edward Egan ta' New York fit-12 ta' Lulju 2003 u l-*prima messa* solenni kienet l-għada fil-għodu - żewġ ċerimonji tassew memorabbli bħala parti mill-Festi Ċentinarji. Waqt sninu ta' seminarista kellu f'idu kemm il-grupp tal-Vokazzjonijiet tal-parroċċa tagħna u kemm l-abbatini. M'hux hekk biss: kien wieħed mill-fundaturi tal-grupp parrokkjali taż-żgħażagħ *23four youth band & choir*, kif ukoll membru assidwu tal-*Laudate Pueri*. Kien attiv ferm fl-uffiċċju parrokkjali; anzi organizza u kellu sehem essenzjali f'diversi ċerimonji u attivitajiet oħra. Per eżempju kien fil-kumitat prinċipali tal-festi ċentinarji u fil-bord editorjali ta' l-opra enċiklopedika *San Ġorġ*.

Lanqas qata' għal kollox matul dawn l-aħħar tliet snin jaqdi l-ministeru pastorali tiegħu bħala vigarju parrokkjali fil-parroċċa Rumana ta' Sant' Injazju ta' Antijokja - għax baqa' jżurna u jinvolvi ruħu xi ftit. Naħseb l-aħħar sehem tiegħu kien waqt iċ-"Ċelebrazzjoni ta' Xhieda" fi Pjazza San Ġorġ das-sajf. Sadattant kompla l-istudji fl-Universita' tal-Lateran, fejn għadu kemm akkwista liċenzjat fit-teoloġija pastorali.

Għidt li l-parruċċani Ġorġjani fraħna bil-ħatra; ċert li għamlu l-istess il-Pawlini għax għandhom garanzija mibnija fuq snin li fihom wera bżulija u żelu, dħuli ma' kulħadd. Fil-fatt ġa jafuh xi ftit - bħala seminarista, kien intbagħat jaqdi ħidma hemm. Il-programm preparatorju bilfors trid tiddeskrivih imballat - ħmistax ta' żjarat u attivitajiet biex b'hekk ma tħalla ħadd barra mill-komunità parrokkjali tal-Munxar.

U San Ġorġ ovvjament kellna nkunu involuti wkoll! Is-Sibt fl-għaxija, lejlet il-"pussess", il-knisja ta' San Pawl Nawfragu serviet ta' sala sabiħa għal akkademja mużiko-letterarju f'ġieħ il-kappillan il-ġdid bis-sehem tal-kwartett Malti *Almaz* tal-*Musique de Chambre: Pro Arte* flimkien mas-sopran Maria Frendo, b'koordinazzjoni artistika tal-Professur Joseph Vella (kif nafu, *maestro di cappella* tal-bażilika) u bil-kollaborazzjoni tal-fundazzjoni li torganizza il-*Victoria International Arts Festival* (ix-xahar kulturali madwar il-festa ta' Lulju). Frank Mercieca kiteb waħda miż-żewġ poeżiji moqrija. L-Arċipriet Ġużeppi Farrugia kellu diskors veru profond dwar it-tema ta' l-ilma, ispirat mill-versett meħud mill-Vanġelu ta' San Ġwann li serva bħala motto fil-bidu ta' dan il-parrokat. Attendew anki diversi membri oħra tal-Kapitlu Ġorġjan; jien ukoll



Mons. Arċipriet jippreżenta lil Dun Tonio kwadru ta' San Ġorġ f'isem il-kapitlu Urban u l-komunità parrokkjali tagħna.



Dun Tonio jasal fil-parroċċa tal-Munxar akkumpanjat mill-Arċipriet

kont fost l-udjenza, nirrappreżenta lill-Kunsill Parrokkjali. Għajnejja ta' spiss marru fuq il-pittura (Caruana Dingli) ta' San Ġorġ bħala patrun fil-ġenb tat-titular!

## Kappillan u Kanonku!

Sfortunatament l-għada ma stajtx minħabba impenn essenzjali preċedenti. Iżda mar Michael Formosa, anki fil-kariga ġdida ta' Viċi-President tal-Kunsill Amministrattiv. Mank stajt għall-parti fir-Rabat li kienet tinkludi l-investitura bħala kanonku onorarju tal-Kolleġġjata Urbana, wara talba unanima mill-kapitlu lill-Isqof Grech bħala dekan.

Din hi "tradizzjoni" meta qassis mill-parroċċa jintgħażel imexxi parroċċa oħra: kellna żewġ każijiet preċedenti (il-Kan. George Bezzina tal-Fontana u l-Kan Joseph Zammit tal-Qala). Interessanti li l-Munxar diġa' hemm ieħor: il-Kan. Karm Curmi.

Dun Tonio telaq mid-dar akkumpanjat mill-membri tal-familja u ngħata merħba fil-bieb tal-bażilika mill-Arċipriet. Waqt iċ-ċerimonja qasira (fejn kienu prominenti s-simboli tal-Kolleġġjata u tal-Bażilika), Mons. Arċipriet awgura li jkun jista' jiġi ta' spiss għall-funzjonijiet u stiednu jippresiedi l-liturġija ta' Sbieħ il-Jum mill-kapitlu bis-sehem ta' l-i*Schola Cantorum Gregoriana* u l-poplu. Anima George Francis Vella. Wara xi ħaġa ta' l-ikel fiċ-Ċentru, bl-akkumpanjament ta' sparar u daqq tal-qniepen kif jixraq, telaq il-korteo tal-karozzi jieħu lejn il-Munxar lill-Kanonku l-ġdid (li kien daħal liebes l-iswed u ħareġ bl-abiti korali). Il-Banda Ċittadina *La Stella* kienet tistennieh, imwassal minn Mons. Farrugia u minn Mons. Attard (kappillan tiegħu Ruma). Il-banda laqgħet lill-Isqof ukoll.

Fil-Konċelebrazzjoni fi knisja mballata ħadu sehem diversi membri tal-presbyterium u l-kapitlu Ġorġjan, kif ukoll (ma' dawk parrokkjali) il-kor ta' San Ġorġ *Laudate Pueri* taħt id-direzzjoni ta' l-assistent *maestro di cappella* Dun George Frendo. Michael Formosa (fil-fatt ħabib sew ta' Dun Tonio u anki kellu x'jaqsam ma' diversi aspetti tal-preparamenti - inklużi l-pubblikazzjonijiet) qara waħda mit-Talbiet. Lejn l-aħħar, l-Arċipriet ippreżenta nkwadru imdaqqas ta' San Ġorġ. *Leħen il-Belt Victoria* xandar l-Akkademja, flimkien man-nofs ta' nhar sħiħ tal-Ħadd - servizz lill-parruċċani tar-Rabat u tal-Munxar. U attivist tar-radju, Joe Zammit (iżda bħala qarib) għamilha ta' fotografu "uffiċjali" - mela l-internet!

# Awguri tal-Milied

**Francesco Pio Attard,** Edinburgh

Għeżież, Żmien il-Milied hu żmien għażiż għax ifakkarna fi ġrajja tabilħaqq sabiħa u unika. Hu wkoll żmien meta l-familja tingħaqad flimkien biex tifraħ u tiċċelebra, u meta dan ma jkunx possibbli – minħabba telfa jew għax xi membru tal-familja jkun imbiegħed, il-membri l-oħra jagħmlu minn kollox biex iħossuhom qrib ta' dik il-persuna. Hu għalhekk li f'dan iż-żmien speċjali ridt naqsam magħkom dawn il-kelmtejn, għax "San Ġorġ" hu wieħed mill-egħżeż familji tiegħi. U dak li jgħaqqadna hu l-fidi f'Ġesù, li hi waħda kulfejn tinsab komunità li temmen u tiċċelebra. Dik li ninsab fiha bħalissa biex nagħmel is-sena intermedjarja tiegħi, hi differenti ħafna minn dik li ġej minnha – ir-realtà tal-Knisja fl-Iskozja ma tistax tqabbilha ma' ta' dik f'Għawdex. Il-Kattoliċi huma f'minoranza, u xi ħaġa li għaġġbitni f'pajjiż modern bħal dan kienet l-ammont mhux żgħir ta' sentiment anti-Kattoliku li jeżisti, f'soċjetà fejn l-eku tar-Riforma Protestanta għadu jidwi iktar milli wieħed jaħseb.

Il-fidi hawn m'hix kwistjoni ta' kumdità, kif sfortunatament għadha għal ħafna minna, imma qisha teżor li trid "tiġġieled" għalih jekk ma tridx titilfu. Hu għalhekk li iktar ma ngħix esperjenzi differenti hawn, qed nifhem x'xorti kbira għandi li trabbejt f'soċjetà Kattolika u f'parroċċa attiva u mżejna b'ħafna "xhieda". Inħeġġiġkom biex issiru benefatturi attivi tal-komunità parrokkjali, li qed toffrilkom ħafna; kieku tiġu tgħaddu ftit jiem hawn, malajr titgħallmu tapprezzaw ħafna iktar x'għandna f'idejna Għawdex.

Edinburgh hi belt sabiħa. Diġà għaddew 'il fuq minn tliet xhur f'din l-esperjenza ta' formazzjoni, u l-Mulej ried ilaqqagħni ma' ħafna sitwazzjonijiet differenti biex qabel kollox jgħinni nikber f'imħabbti lejh u nafda iżjed fih. B'mod partikulari nsemmi l-ħajja fil-parroċċa u flimkien ma' bosta saċerdoti, ix-xogħol u ż-żjajjar fl-iskejjel. Minkejja l-isfidi u d-diffikultajiet, li ma jonqsu qatt, nista' ngħanni ma' Marija r-radd ta' ħajr lil Alla għax "għamel miegħi ħwejjeġ kbar" (Lq 1:49). Naf li intom ukoll qegħdin miegħi f'din l-avventura – u b'ħafna modi. Nirringrazzja lil dawk li spiss jiftakru fija jew jiktbuli, kif ukoll dawk il-ħafna oħrajn li jien żgur li qed jitolbu għalija. Bit-talb tagħkom din l-esperjenza tiegħi hawn tista' tkun ta' ġid ikbar għalija, u għalikom ukoll, għax nemmen li dak li qed nirċievi nista' nagħtih lura. Inselli għalikom ilkoll u nixtiqilkom Milied qaddis u sena ġdida mimlija bil-preżenza tal-Mulej Ġesù.

---

**Simon Cachia,** Ruma

Xi ġimgħat ilu, l-editur ta' din ir-rivista, Andrew Formosa, bagħatli *e-mail* biex jistedinni nikteb l-awguri tiegħi fl-okkażjoni tal-festi li resqin.

Nieħu din l-okkażjoni biex l-ewwelnett, nawgura lil Mons. Arċipriet, lill-kleru, liż-żgħażagħ u lill-parruċċani kollha Milied hieni u sena tajba mimlija ferħ u tama fil-Mulej. Jalla nafdaw dejjem fil-Mulej f'kull sitwazzjoni li tinqala' fil-ħajja tagħna ta' kuljum.

It-tieni ħaġa, nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li jitolbu għalija, u lil dawk li meta jiltaqgħu mal-membri tal-familja tiegħi, jistaqsu għalija u jibagħtu jsellu għalija. Naf li huma ħafna u ta' dan ngħidilkom grazzi.

Nirringrazzja wkoll lil dawk li jgħinu lis-Seminarju. Nagħmel appell lilkom ilkoll, għeżież qarrejja, biex tkomplu tgħinu lis-Seminarju tagħna. Is-Seminarju, taħt il-gwida ta' Mons. Isqof u tas-superjuri tagħna, għandu rwol importanti ħafna: dak li jeduka żgħażagħ biex imexxu l-Knisja u lilna lkoll fil-futur. Komplu għinu lis-Seminarju tagħna kemm finanzjarjament u kemm bit-talb tagħkom.

Jien, mill-bqija, nista' ngħidilkom li l-kappillan Dun Ġużepp Attard (min-Nadur), il-qassisin Dun Joseph Farrugia (mill-Għarb) u Don Ivan Ramirez Bello (mill-Kolumbja), u n-nies li jiffurmaw din il-parroċċa laqgħuni tajjeb ħafna, u qed joffruli ħafna esperjenzi sbieħ u anki sfidi li bihom wieħed jimmatura. Ngħidilkom ukoll li n-nies taż-żona *'Lo Statuario'* japprezzaw u jfaħħru ħafna lil Għawdex tagħna u lil dawk il-qassisin u seminaristi Għawdxin li ħadmu u għadhom jaħdmu hawnhekk. Grazzi mill-ġdid u *buon Natale e buon anno nuovo!*

---

**Fr Geoffrey,** Dundee

Għal ħafna snin il-Milied fl-Iskozja ma kienx mogħti l-importanza li jixraqlu; il-Knisja Protestanta Skoċċiża mtappna mit-twemmin Kalvinista għamlet minn kollox biex tnaqqas l-importanza tal-festa tal-Milied u minflokha titfa' l-attenzjoni tagħha fuq il-festa ta' l-ewwel tas-sena magħrufa fl-Iskozja bħala *Hogmanay*. Madankollu, il-lum li l-influwenza ta' l-ekumeniżmu qed issaħħaħ ir-rabtiet bejn il-knejjes Insara f'dan il-pajjiż, il-festa tal-Milied qed terġa' tingħata l-post li kienet tgawdi fl-imgħoddi. Fil-parroċċa li ninsab fiha, il-quddiesa l-aktar popolari hija dik tas-sitta u nofs ta' fil-għaxija lejlet il-Milied li hija magħrufa bħala l-quddiesa tat-tfal. Mijiet ta' tfal żgħar u oħrajn imfarfra jiġu għall-quddiesa biex jisimgħu l-omelija dwar it-tarbija ta' Betlehem u fi tmiem il-quddiesa jingħataw rigal. Il-quddiesa ta' nofs il-lejl ukoll tgawdi ċerta popolarita'. Il-festi tal-Milied iġibu magħhom ferħ u paċi fil-qlub ta' bosta. Huma jiem li matulhom il-familja terġa' flimkien u jsir it-tpartit tar-rigali. Matul il-jum tal-Milied il-familji jiltaqgħu flimkien madwar il-mejda ta' l-ikel u jqattgħu ftit sigħat ma' xulxin jieklu u jitkellmu flimkien. Nemmen li huwa importanti li fl-Iskozja jsir iżjed enfasi fuq l-ispiritwalita' tal-Milied biex ma jiġrix li l-Milied jiġi u jgħaddi u ninsew li l-qalba tal-Milied tiffoka fuq it-twelid ta' Ġesu' Bambin u l-misteru ta' l-Inkarnazzjoni li jfisser għalina ġrajja ta' mħabba u fidwa. Għalhekk huwa f'postu l-qawl Ingliż: *"Jesus is the Reason for this Season"*.

# Rokna għat-Tfal

**Għeżież tfal,**

Il-Milied magħna. Din hija l-isbaħ festa tas-sena għax iġġib il-ferħ ma' kullimkien. Jalla dan il-ferħ jibqa' magħkom sa Milied ieħor. Il-lum mhux sa noqgħod nitkellem magħkom bħalma nħobb nagħmel is-soltu imma sa nagħtikom poeżija dwar il-Milied li fiha ssibu ħafna ħsibijiet sbieħ flok il-messaġġ tas-soltu. Din il-poeżija nixtieq niddedikaha lilkom, il-qarrejja regulari ta' din ir-rokna kif ukoll lill-editur ta' din ir-rivista li min jaf kemm teħodlu xogħol sakemm tasal għandkom.

Nixtieqilkom Milied hieni u qaddis u Sena ġdida kollha risq u saħħa. Ngħid għalija jien dejjem nibda s-sena bir-risq għax kien proprju fl-ewwel jum tas-sena li ġejt fid-dinja. Għalikom mela l-poeżija tal-Milied.

*Iz-Ziju Joe*

# "Reġa' Magħna Milied Ieħor"

Milied ieħor reġa' magħna,
Kif jitgerbu b'ħeffa s-snin!
Hawn arana mdawrin miegħek
O Ġesù ħelu Bambin.

Fid-dar bnejna l-Presepju
Kollu nagħaġ, kollu pasturi,
U bir-riħa tfuħ tas-sagħtar,
Kewkba tiddi, it-triq turi

Lil tant rgħajja li bil-merħla
Grew lejn l-għar biex jadurawk;
Deheb, inċens kif ukoll mirra
Tawk is-Slaten malli rawk.

Mis-Smewwiet qtajjiet ta' anġli
Għalenija lkoll kantaw –
Glorja 'l Alla, paċi, hena,
Lill-bnedmin, ħabbrulhom, taw.

Kemm neħtieġu din il-paċi
Li qed tonqos ma' kull jum!
Erġa' twieled fil-qalb tagħna
O Bambin, kemm ser iddum!

X'jiswa illi nżejnu djarna
Nagħmlu s-Siġra tal-Milied,
Jekk issaltan fostna l-firda,
Lejl u nhar jaħkem il-ġlied!



Mhux il-*'parties'* u d-*'discos'*
Jagħmlu dan veru Milied,
'mma l-imħabba, bla tarf t'Alla
Li minn Betlem darba ġiet.

Bambin ċkejken ejja ninni
Fil-benniena tal-qalb tagħna;
Lilha saħħan w ibqa' hemm ġewwa
U la titlaq qatt minn magħna.

B'hekk tifsira l-Milied jikseb
Għaliex dan l-akbar tifkira
Ta' kemm Alla ħabb lill-bniedem
Meta fdieh b'tarbija fqira.

**Kav. Joe M. Attard**
*Diċembru 2006*

## Fil-Ħarġa li jmiss

**Jiktbulna s-seminarsti fuq is-sena ntermedjarja barra min xtutna.**

# Qaddisin "Ġorġjani" (6)

*Kitbu dwar il-Patrun tagħna, kienu devoti tiegħu jew b'xi konnessjoni ma' dan it-Tempju ddedikat lilu*

**Antoine Vassallo** - *vasanti@waldonet.net.mt*

**San Anton Ruwah** (tifkra liturġika fil-25 ta' Diċembru) Le - m'hemmx żball, anki jekk forsi l-espressjoni "tifkira liturġika" ma hix eżatta. Infatti l-kalendarji tal-Knisja jinkludu qaddisin f'numru kbir is-sena kollha, anki f'jiem marbutin ma' festi u solenitajiet oħrajn. Xi drabi jkun hemm raġunijiet storiċi; u ma ninsewx li l-Milied ma hux neċessarjament marbut mal-25 ta' Diċembru fl-Orjent.

U appuntu mill-Orjent hu l-qaddis li qiegħed insemmi l-lum - persunaġġ li nimmaġina ftit mill-qarrejja qatt semgħu bih! Jien iltqajt miegħu l-ewwel darba f'kitba bil-Franċiż: Saint Antoine al-Qurayshi (jew il-Kurajxi, jiġifieri mir-razza ta' Muhammed), kif hu magħruf ukoll. Ġie maqtul nhar il-Milied tas-sena 799 taħt il-kalif Harun al-Raxid (786-809), membru tad-dinastija Abbasid li jippretendu li ġejjin miz-ziju ta' Muħammed Abbas. Dan Anton kien nobbli li kkonverta mill-Islam u sofra l-martirju għax irrifjuta li jerġa' lura. Ftit nafu fiċ-ċert iktar dwaru. Iżda jidher li kien magħruf sew fl-ewwel żminijiet wara mewtu; allura żviluppaw diversi leġġendi. U donnu kien jintuża bħala eżempju ċar tal-kuntrast bejn il-Mislem li jinteressah fil-ġid tad-dinja u n-Nisrani li jħares iktar lejn il-ħajja ta' wara.

Skond omelija dwaru minn San Girgor Dekapolita (li miet fis-sena 842), ċertu emir bagħat lil neputih jamministralu xi xogħol f'belt li kellha fiha knisja "qadima u sabiħa" ddedikata lill-Megalomartri Ġorġi (u, skond dettall ieħor, ipprova jniffed vleġġa fix-xbieha tal-qaddis). Fettillu li jrid jdaħħal l-affarijiet li kellu miegħu, bl-iġmla b'kollox, f'din il-knisja. Għalxejn ippruvaw iżommuh il-qassisin: il-qaddejja kellhom jobduh iżda l-annimali waqgħu mejtin! Sadattant sar il-ħin tal-Quddiesa u, b'qalbhom ittaqtaq minħabba l-preżenza ta' dawn l-għedewwa, il-qassisin bdew iċ-ċelebrazzjoni. Bi skantament għalih, iż-żagħżugħ ra liċ-ċelebrant iqatta' tifel u jitfa' demmu fil-kalċi! Ma felaħx iżomm ir-rabja u esiġa raġuni għal dan l-aġir barbariku. Iċ-ċelebrant spjegalu t-twemmin fil-Preżenza Reali; anzi stqarr li "għax midneb, jien ma għandix il-grazzja li dan il-misteru nilmħu b'għajnejja". Hawn Ruwah ordna lill-oħrajn 'il barra u talab biex jiġi mgħammed membru ta' dil-fidi li kien diġa' sema' dwarha ġmielu. Intbagħat fuq is-Sinaj, fejn anki sar patri jew monaku tad-deżert.

Hawn iddeċieda li jipprova jikkonverti lil zijuh! Dan, għalkemm mistagħġeb bl-ilbies fqajjar tiegħu, għall-ewwel ħa gost reġa' ltaqa' ma' neputih li kien ħasbu mitluf. Iżda għadab sew x'ħin sema' bil-konverżjoni; iktar u iktar meta ħeġġu: "zijuwi emir, tgħammed ħalli jkollok il-ħajja ta' dejjem, kif nittama nakkwistaha jien ukoll". Dawk ta' madwar l-emir xlewh li qed jidgħi u allura ħaqqu l-mewt. Ma xtaq jagħmillu xejn lil neputih; iżda kellu jagħtihulhom f'idejhom. Dawn bdew jittorturawh iżda Anton baqa' sod. Fl-aħħar qatluh bit-tħaġġir. San Girgor itemm jirrakkonta li kewkba damet fuq il-post għal erbgħin jum, dehra li wasslet ħafna oħrajn biex jikkonvertu.



*Fil-ħames puntati li kellna sa issa, kien faċli nsib xbieha tal-qaddis: għandna l-pitturi sbiħ tal-Professur Conti fil-ġnieb tat-twieqi. Did-darba kelli problema u allura nippreżenta pittura qadima li tinkludi lil San Girgor li ssellift biex jgħidilna xi ħaġa fuq San Anton.*

## Lill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof Ġdid għal Għawdex

Kif tleħħ il-berqa ġriet l-aħbar li nħtart
Isqof żagħżugħ ta' demm il-gżira Għawdxija;
Fuq wiċċ kull ħlieqa feġġet it-tbissima:
Xhieda li aħna lkoll bil-għors mimlija.

Int bħalna għasart għajnejk u dmugħek ġelben
Bħan-nida bla nikta tad-difa fl-għaxija
X'ħin int raddejt il-vot tal-ubbidjenza
W għamilt ma' Dun Nikol kbira stqarrija.

Fuq wiċċek jiena qrajt il-kelma 'mħabba'
Għax inti bla marrara Isqof ħanin
Bit-tmun f'idejk il-Knisja ġa bdiet toktor
Għax int taf tħobb u tagħder lill-miskin.

Dun Mario int ma tafx x'inhi kburija,
Bin il-ħaddiem int kollok lealtà.
Dil-ħatra ma stennejtx, jien naf ben it-tajjeb;
Għandek id-don sabiħ ta' l-umiltà.

"Nitgħolla w niġbed lil kulħadd warrajja."
Int bħalu ġbidt u sraqt qlubna l-Għawdxin
Għax tfal u żgħażagħ, kbar, iltaqgħu miegħek:
Int għandek għal kulħadd kelmiet ħelwin.

O kemm nixtieqlek jiena futur hieni:
Futur sabiħ ikanġi bħal qawsalla,
Ġejjieni b'ħidma sfiqa fid-din tagħna.
Int sejjer tkompli t-triq kif irid Alla.

**George Caruana**

BAŻILIKA SAN ĠORĠ

*Dan id-dettal ġie meħud mill-kartolina li tqassmet lill-kollaboraturi kollha tal-parroċċa ta' San Ġorġ*



# Il-Milied it-Tajjeb
# A Blessed Christmas